

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2021 – Ryanair et vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-448/18) <sup>(1)</sup>

**(“Għajjnuna mill-Istat – Ftehimiet konklużi bejn Kärntner Flughafen Betriebsgesellschaft ma’ Ryanair u s-sussidjarji tagħha Airport Marketing Services u Leading Verge.com – Servizzi ajruportwali – Servizzi ta’ kummerċjalizzazzjoni – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkurpru tagħhom – Kunċett ta’ għajjnuna mill-Istat – Imputabbiltà lill-Istat – Vantaġġ – Kriterju ta’ investitur privat – Irkupru – Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Dritt ta’ aċċess għall-fajl – Dritt għal smigħ”)**

(2021/C 471/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda), Airport Marketing Services Ltd (Dublin, l-Irlanda), FR Financing (Malta) Ltd (Douglas, il-Gżira ta’ Man) (rappreżentanti: E. Vahida u I.-G. Metaxas-Maranghidis, avukati, u B. Byrne, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Blanck, A. Bouchagiar u S. Noë, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2018/628 tal-11 ta’ Novembru 2016 dwar l-Għajjnuna mill-Istat SA.24221 (2011/C) (ex 2011/NN) implimentata mill-Awstrija għall-ajruport ta’ Klagenfurt, għal Ryanair u linji tal-ajru oħrajn li jużaw l-ajruport (ĠU 2018, L 107, p. 1), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ryanair DAC, Airport Marketing Services Ltd et FR Financing (Malta) Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll għal daww sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 319, 10.9.2018.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2021 – TUIfly vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-619/18) <sup>(1)</sup>

**(“Aċċess għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Dokumenti relatati mal-proċedura ta’ kontroll tal-għajjnuna mill-Istat – Rifjut ta’ aċċess – Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitatiet ta’ spezzjoni, ta’ investigazzjoni u ta’ verifika – Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta’ terzi – Interess pubbliku superjuri”)**

(2021/C 471/53)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: TUIfly GmbH (Langenhagen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Giesberts u M. Gayger, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Blanck u F. Erlbacher, aġenti)